MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2010

Appell Civili Numru. 258/2007/1

**Raymond Calleja**

**vs**

**Joseph Sammut**

**Il-Qorti,**

Fit-13 ta’ Ottubru, 2009, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **“**Il-Qorti,
>
> Rat ir-rikors promotur datat il-21 t’Awissu tas-sena 2009 li permezz tieghu r-rikorrent sejjah lill-intimat qudiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m’ghandux ikun ikkundannat:
>
> 1. Illi jhallas is-somma komplessiva ta’ elf u sitt mitt Lira Maltija (LM1,600.00,0), rapprezentanti

prezz ta’ erbgha u sittin (64) vjagg hamrija, liema hamrija giet mibjugha u kkonsenjata lilu fuq ordinijiet tieghu stess;

2. Bl-ispejjez kontra l-intimat minn issa ngunt in subizzjoni;

Rat ir-risposta ta’ l-intimat datata l-24 ta’ Settembru tas-sena 2007 li permezz taghha rrisponda s-segwenti:

1. Illi preliminarjament l-intimat ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li m’hemm ebda relazzjoni guridika bejn l-intimat u r-rikorrent;

2. Illi l-intimat ma kellu ebda forma ta’ negozju mar-rikorrent u inoltre bl-ebda mod ma giet kkonsenjata xi hamrija mir-rikorrent lill-intimat kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

3. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Ezaminat id-dokumenti esebiti inkluz l-affidavit prodott;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

1. Illi r-rikorrent jafferma li ghandu r-raba u li kien hammel xi ghalqa minn li kellu u refa’ l-hamrija hekk imhammla ghand hu l-intimat, certu Lino Sammut;

2. Illi l-ammont ta’ hamrija hemm merfugha kif indikat fil-paragrafu precedenti kien ta’ erbgha u sittin (64) vjagg;

3. Illi dan l-ammont ta’ hamrija kien hekk merfugh go ghalqa proprjeta` ta’ l-imsemmi Lino Sammut li kienet tigi magenb ir-razzett ta’ l-istess rikorrenti;

4. Illi din il-hamrija damet hekk merfugha ghall-perjodu ta’ madwar sentejn, (2);

5. Illi r-rikorrent isostni li meta darba kien qed jitkellem ma’ l-intimat irrizulta li dan ta’ l-ahhar kellu bzonn kwantita` ta’ hamrija, u wara li kien gie mistieden mir-rikorrent biex jezamina l-hamrija in dizamina, dan kien raha, ghogbitu u ntlahaq ftehim bejnu u bejn ir-rikorrent li jiehu l-hamrija ghall-prezz ta’ sitta u ghoxrin Lira Maltin, (LM26.00,0) –il vjagg;

6. Illi a bazi ta’ dan il-ftehim il-hamrija in dizamina ittiehdet mill-intimat;

7. Illi peress li l-intimat naqas li jhallas lir-rikorrent ghall-hamrija li kien ha minghandu, ir-rikorrent kien baghat lill-intimat messagg elettroniku telefoniku biex jissollecita l-memorja tieghu u jhallsu, izda l-intimat wiegbu li l-hamrija ma kinitx proprjeta` tar-rikorrent izda ta’ hu l-istess intimat;

8. Illi r-rikorrent irrisponda li din l-allegazzjoni ma kinitx minnha u talab lill-intimat jirritorna l-hamrija minn fejn hadha;

9. Illi r-rikorrent jistqarr bil-gurament li l-intimat qabel ma din l-ahhar proposta, izda kelmtu ma zammiex;

10. Illi peress li l-intimat baqa’ jzomm il-hamrija u ma jhallasx l-ammont pattwit, ir-rikorrent kien kostrett jipprocedi bil-procedura odjerna;

Ikkunsidrat:

Illi hu l-intimat, Lino Sammut, permezz ta’ l-affidavit tieghu datat is-17 ta’ Novembru tas-sena 2007, jikkonferma essenzjalemnt il-fatti kif esposti mir-rikorrent senjatament:

1. Illi r-rikorrent Calleja kien ghaddielu madwar hamsa u sittin (65) vjagg hamrija biex izommhielu fl-ghalqa proprjeta` tieghu;

2. Illi accetta jaghmel b’gost u pjacir tieghu u senza interessi;

3. Illi l-proprjeta` ta’ l-istess hamrija dejjem baqghet ghand ir-rikorrent Calleja u hu kien biss qed izzomhielu;

4. Illi kien huh, l-intimat Joseph Sammut li kien ha l-hamrija de quo, u dan thalla jehodha ghaliex l-istess rikorrent Calleja kien ta’ struzzjonijiet ghal dan lill-imsemmi Lino Sammut biex ihalli lil huh Joseph jiehu l-istess hamrija;

5. Illi din l-awtorizazzjoni kien tahielu l-istess rikorrent Calleja;

6. Illi l-istess Lino Sammut jinnega li hu kien innegozja l-hamrija de quo ma’ l-intimat huh, Joseph Sammut, u jsostni wkoll li qatt ma ta lil huh x’jifhem li l-hamrija kienet proprjeta’ tieghu;

Ikkunsidrat:

Illi l-intimat isostni, in sintesi, is-segwenti:

1. Illi effettivament il-hamrija in dizamina kien hadha hu kif indikat aktar qabel;

2. Illi jsostni li kien huh Carmelo sive Lino li kien cempillu, talbu jmur ikellmu, u staqsieh jekk riedx xi kwantita` ta’ hamrija;

3. Illi jsostni li ftehemu u konsegwentement inkariga persuna biex igorrlu l-hamrija;

4. Illi hu ha l-hamrija kollha ghaliex kein huh li insista mieghu biex jaghmel hekk ghaliex kien gia’ ha hamrija bizzejjed ghall-bzonnijiet tieghu;

5. Illi l-intimat informa lill-qorti li hallas tlett mija u wiehed u tmenin Lira Maltin (LM381.00,0), ghall-garr tal-hamrija;

6. Illi jsostni li hu ha l-hamrija ghaliex kien huh li insista mieghu biex jaghmel hekk u effettivament ma hallasx ghal din il-hamrija;

7. Illi jsostni li fl-istess perjodu kien hemm l-opportunita` li jiehu hamrija b’xejn tramite l-Maghtab Construction u kien biss fuq l-insistenza ta’ huh li hu ha l-hamrija meritu ta’ din il-procedura;

Ikkunsidrat:

Illi ghandu jigi ribadit mill-ewwel li jekk l-intimat ried juzufruwixxi ruhu mill-opportunita` gjotta li jakkwista hamrija b’xejn tramite l-Maghtab Consctruction kif minnu allegat, xejn ma zammu milli jirritorna l-hamrija tar-rikorrent u jiehu dik offruta b’xejn mill-imsemmija socejta`;

Illi pero’ d-decizjoni ta’ l-intimat kienet differenti;

Illi dak li jirrizulta hu s-segwenti:

1. Illi l-hamrija hi proprjeta` tar-rikorrent;

2. Illi gie konkluz ftehim verbali bejn ir-rikorrent u l-intimata skond kif isostni r-rikorrent, li din il-qorti,

mill-komplessita` tar-rizultanzi qed temmen li effettivament sehh;

3. Illi l-kondizzjonijiet hekk pattwiti jirrizultaw is-segwenti:

a. l-oggett meritu tal-kuntratt – il-hamrija depozitata ghand hu l-intimat;

b. Il-kwantita` ta' ebrgha u sittin (64) vjagg hamrija;

c. il-prezz ta' sitta u ghoxrin Lira Maltin, (LM26.00,0), ghal kull vjagg;

4. Illi wara l-konkluzzjoni ta' l-istess kuntratt verbali l-intimat ghadda ghall-esekuzzjoni tieghu li effettivament ittermina meta ha pussess tal-hamrija de quo;

5. Illi l-verzjoni ta' Lino Sammut, hu l-intimat, ixxejjen ghal kollox it-tezi ta' l-intimat u tikxifha li hi biss tentattiv meskin biex jimmisapproprija ruhu minn oggett li ma jappartjenix lilu;

Ikkunsidrat:

Illi in vista tal-premess din il-qorti tirrespingi l-ewwel eccezzjoni ta' l-intimat senjatament li ma hemm l-ebda relazzjoni guridika bejn il-kontendenti;

Illi kif indikat aktar qabel din il-qorti, wara li hasbet fit-tul, u wara li kkonsidrat ic-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkonkludi li qed tirrespingi l-versjoni ta' l-intimat u qed tistrieh fuq il-versjoni tar-rikorrent, kif kkoraborata minn hu l-istess intimat;

Illi ghaldaqstant tiddetermina li jezisti vinkolu kontrattwali bejn il-kontendenti u ma tippermettix lill-intimat japprofitta ruhu mill-bona fede tar-rikorrent biex jakkwista dak l-ammont ta' hamrija

meritu tal-procedura odjerna minghajr ma jirrifondi l-ammont dovut ghall-istess li wara kollox, kien preventivament liberament pattwit;

Illi in vista ta' l-istess, qed tigi wkoll respinta t-tieni eccezzjoni fiz-zewg binarji taghha, senjatament ghaliex jirrizulta ghalhekk li effettivament kien jezisti negozju bejn il-partijiet, u ulterjorment ghaliex effettivament kien hemm mil-konsenja tal-hamrija in dizamina, mhux kif allegat mill-intimat;

Illi finalment, ghal dawn il-motivi qed tigi wkoll respinta t-tielet eccezzjoni stante li t-talbiet tar-rikorrent jirrizultaw fondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt;

Ghaldaqstant din il-qorti qed takkolji t-talbiet tar-rikorrent u konsengwentement:

1. Tiddikjara li l-intimat Joseph Sammut hu debitur tar-rikorrent Raymond Calleja fl-ammont ta' elf u sitt mitt Lira Maltin, (LM1,600.00,0), ekwivalenti ghal tlett elef seba' mija u sebgha u ghoxrin Ewro (€3,727), rapprezentanti prezz ta' erbgha u sittin (64), vjagg hamrija, liema hamrija giet mibjugha u kkonsenjata lilu fuq ordni tieghu stess;

2. Tikkundanna lill-imsemmi intimate biex ihallas lir-rikorrent l-ammont likwidat fil-paragrafu precedenti;

3. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet skond il-ligi mdi-data tal-prezentata tar-rikors promotur."

Il-konvenut hassu aggravat b'din is-sentenza u interpona appell minnha biex jikkontesta l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti. Huwa jikkontendi illi l-attur ma gabx prova konkluziva ghas-sostenn ta' l-allegazzjoni tieghu ta' ftehim ta' bejgh ta' hamrija lilu. Biex jaghti forza lil din il-kontenzjoni tieghu, l-appellanti jissenjala xi

inkonsistenzi fix-xhieda ta’ l-attur u kuntrasti bejn dik l-istess xhieda u dik tax-xhud Carmelo Sammut prodott mill-istess attur. Finalment, jinvita lil din il-Qorti biex taghti aditu u sostenn lil versjoni tieghu ghax din, skond hu, hi aktar kredibbli u koerenti;

Hi opinjoni prevalenti tal-Qrati ta’ l-Appell f’materja ta’ censura ta’ l-apprezzament tal-provi illi l-valutazzjoni tar-rizultanzi fattwali ma hijiex, in linea ta’ principju, soggetta ghal revizjoni minn din il-Qorti jekk mhux fil-limiti ta’ l-iskontru ta’ mankanza, insufficjenza jew kontradittorjeta` tal-motivazzjoni jew ta’ ragunijiet verament gravi. Fil-kumpless, ir-raguni l-aktar preponderanti moghtija in tema ta’ dan l-istess principju hi dik li l-apprezzament tal-fatti hu rizervat mil-ligi lill-qorti jew tribunal fil-mertu u dak tal-gudizzju minn dawn fuq l-attendibilita` u l-kredibilita` taghhom. Gudizzju dan li jippermetti lill-qorti ta’ l-ewwel istanza li taghmel mill-matassa tal-provi l-ghazla taghha ta’ dak l-element probatorju li hi tirritjeni bhala l-aktar wiehed idoneju ghall-konvinciment taghha u ghas-sostenn tad-decizjoni pronunzjata;

Fil-kaz in ispecje l-ewwel Qorti sabet illi fil-komparizzjoni bejn iz-zewg versjonijiet dik ta’ l-attur kienet aktar attendibbli u dan ghaliex il-fatti kienu, fuq il-fehma taghha, jaghtu fidi u sostenn lill-versjoni tieghu ta’ l-ezistenza ta’ kontrattazzjoni verbali bejnu u l-konvenut. L-appellanti jikkontrasta dan ghaliex, kif fuq gja espost, huwa jsostni illi l-attur ma gabx l-ahjar prova u x-xhieda tieghu u dik tax-xhud prodott minnu ma setghux jitqiesu veritieri ghall-fatt tal-kontradittorjeta` u inkonsistenzi riskoperti;

Hu kompitu ta’ din il-Qorti li tezamina u twiezen l-elementi oggettivi l-aktar sinjifikattivi, kif dawn jinzlu mill-provi, ghall-fini ta’ l-istharrig tal-kuntrasti senjalati mill-appellanti u jekk dawn, fejn jezistu, kienux ta’ portata tali li setghu jitqiesu ostatattivi ghar-raggungiment tac-certezza necessarja ghal skop ta’ akkoljiment tat-talba attrici;

Fil-qosor, il-fatti kienu dawn. L-attur appellat jghid li hu ftiehem mal-konvenut li jbieghlu l-hamrija li kienet sitwata fl-ghalqa ta' Carmelo Sammut, hu l-istess konvenut. Dan versu l-hlas ta' Lm26-il vjagg. Ghall-attur in-numru tal-vjaggi kienu 64 ghax, skond hu, dawn gew hekk maghduda minn Carmelo Sammut. Kontro-ezaminat, l-attur ma ftakarx id-data ezatta tal-ftehim anke jekk semma li dan sehh xi sitt xhur qabel. Ara xhieda ta' l-attur a fol. 16. Fl-Affidavit tieghu (fol. 20) ix-xhud Carmelo Sammut jikkorrobora il-versjoni ta' l-attur dwar illi dan kien il-veru proprjetarju tal-hamrija ghax hu kien qed izommielu bi pjacir u ma' huh qatt ma nnegozja t-trasferiment taghha lilu. Ara wkoll deposizzjoni tieghu a fol. 41. Fejn jiddivergi mill-attur huwa dwar in-numru tal-vjaggi li ttiehdu mill-konvenut ghaliex hu jiddikjara li ma jafx kemm kienu. Addizzjonalment, u bil-kontra ta' dak affermat mill-attur, illi hu ma thallas xejn minghand l-attur talli zammlu l-hamrija ghal cirka sentejn u fuqhom. Minn naha tieghu l-konvenut jirribatti illi kien huh Carmelo Sammut li offrielu biex jiehu l-hamrija u dan ghamlu bi pjacir versu l-istess huh ghaliex hu seta' dejjem jiehu hamrija offruta b'xejn mill-Maghtab Construction. Jinsisti wkoll illi ma' l-attur ma kellu ebda relazzjoni ta' kwalsiasi xorta. Ara deposizzjoni tieghu a fol. 23;

Oggettivament skrutinati, hi l-fehma ponderata ta' din il-Qorti illi d-decizjoni ta' l-ewwel Qorti kienet, fil-kumpless, wahda korretta u sew motivata ghas-sostenn tal-fondatezza ta' l-allegazzjoni ta' l-attur ta' l-ezistenza ta' ftehim bejnu u l-konvenut, anke ghaliex, kollox ma' kollox, l-attur gab provi sufficjenti u sal-grad mistenni fid-dizimpenn minnu ta' l-oneru gravanti fuqu. Huwa minnu illi ghal certu vers jezisti nuqqas ta' qbil f'certi dettalji bejn il-versjoni ta' l-attur u dik tax-xhud tieghu Carmelo Sammut izda dwar dan ghandu jinghad illi ghal dak li hu l-ftehim in partikolari u minn min sar, ix-xhieda tat-tnejn tikkonvergi. B'mod generali, imbaghad, irid opportunement jinghad illi s-semplici inverosimiljanza jew kredibilita` skarsa fuq xi fatt jew dettal specifiku, li del resto ma jincidix lanqas b'mod magguri fuq il-konkluzjoni

*ut sic* tal-kontrattazzjoni, ma jikkostitwix raguni bizzejjed biex il-gudikant jiddizattendi ghal kollox ix-xhieda li tkun qed issostni l-fatt tal-ftehim, ammenokke ma jkunux jikkonkorru ragunijiet ohra ghall-eskluzjoni ta' l-attendibilita tax-xhud. Dan aktar u aktar fejn bhal f'dan il-kaz il-partijiet ikunu ddiskutew u anke qablu dwar ir-rikonsenja lura tal-hamrija mill-konvenut lill-attur. Ara t-traskrizzjoni tal-SMS's skambjati bejniethom a fol. 28;

Maghdud dan, il-Qorti hi wkoll tal-fehma illi ma tistax lanqas tinjora, ghal dak li hu l-kwantum ta' l-ammont mitlub, illi l-attur kien accetta illi l-hamrija venduta kellha tigi kalkolata bis-Lm16-il vjagg (ara SMS tieghu datat 14 ta' Lulju 2007), u wkoll, li n-numru effettiv tal-vjaggi kien 54 u mhux 64. Dan kif anke konfermat mix-xhud Raymond Calleja bhala l-persuna inkarigata mill-konvenut mill-garr tal-hamrija (fol. 29). Rikalkolat b'dawn il-figuri, l-ammont reali dovut lill-attur ghandu jonqos ghal tmien mija erbgha u sittin lira (Lm864) jew elfejn u tnax-il euro, tmienja u hamsin centezmu (€2012.58).

Ghal motivi kollha predetti din il-Qorti qeghda tiddisponi mill-appell billi tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu ghall-kwestjoni tar-rapport guridiku bejn il-partijiet. B'danakollu, u fis-sens tal-konsiderazzjonijiet suesposti, is-sentenza appellata qed tigi riformata ghal dak li hu l-kwantum ta' l-ammont dovut billi tirreducih ghal elfejn u tnax-il euro, tmienja u hamsin centezmu (€2012.58). Huwa xieraq u ekwu illi l-ispejjez relattivi taz-zewg istanzi jitbatew nofs bin-nofs bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------